**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 10 AĠĠORNAMENT**

L-ERBGĦA L-10 TA' ĠUNJU 2009 FIS-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is.Sindku ppreżentat id-dokument tal-*Green MT-GRTU* dwar skart tal-ippakeġġjar u tat spegazzjoni ta' din il- proposta. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskema tal-Gvern se tispiċċa fl-aħħar ta' Ġunju u l-Kunsill irid jagħmel arranġamenti biex dan is-servizz jitkompla. Il-Kunsill A. Cachia Castelletti talab li ssir laqgħa ma rappreżentant tal-Kumpanija biex din il-proposta tiġi diskussa aktar fid-dettal. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tagħmel l-arranġamenti u ġie deċiż li wara ssir laqgħa tal-Kunsill *ad hoc* biex tittieħed deċiżjoni. Kien hemm qbil ukoll li f'din il-laqgħa jiġi diskuss il-kuntratt ta' ġbir ta' skart organiku.

ii Il-Kunsill iddiskuta l-*Green Week Award.* Ġie deċiż li l-Kunsilliera E. Muscat u F. Roe jagħmlu laqgħa bejniethom u jressqu l-proposti lill-Kunsill biex jiġu diskussi f'laqgħa *ad hoc*.

iii Ġiet diskussa l-kaxxa tad-dawl fi Triq il-Ħalġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kwotazzjoni ta' l-ispiża f'kaz li din ikollha bzonn tinbidel. Ġie deċiż li nitolbu lil Kuntrattur jikkonferma jekk din hix ta' periklu. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lil Kuntrattur dwar dan.

iv Il-Kunsill iddiskuta diversi pjanti dwar *traffic management* li ġew imħejjija mill-Perit E. Micallef. Dawn ġew emendati u ġie deċiż li ssir *site inspection*. Ġiet diskussa ukoll il-*one way system*. Ġie deċiż li din tiġi amalgamata mal-proposti ta' Triq il- Prinċipessa Margerita kif ukoll mal-l-bdil tal-*one way* ta' parti minn Triq U. Mifsud. Kien hemm qbil li t-Triq tal-Knisja tiġi *one way* 'il fuq. Ġie deċiż li wara li s-sistema tiġi riveduta mill-Kunsilliera responsabbli flimkien mal-ADT issir konsultazzjoni pubblika.

v Inqrat l-ittra tal-MEPA dwar l-*Urban Improvement Fund*. Ġie deċiż li l-flus f'dan il-fond jekk hu possibbli jiġu wżati biex ikopru l-bilanċ li jrid jiffinanzja l-Kunsill fl-skema ta' l-*energy saving project*.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (ikompli…….)**

v Inqrat l-ittra dwar il-Parlament taż-żagħażagħ. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona lil Daniel Borg u Gordon Fava Naudi. Kulħadd qabel ma dan. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tipprova ssib żgħażagħ biex jipparteċipaw fil-kategorija taż-żgħar.

vii Dwar il-parti tal-ħajt li waqa' taħt Ir-Rampa l-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jkellem id-Dipartiment konċernat biex dan jiġi rranġat. Ġiet diskussa ukoll il-possibilita' li l-Kunsill jakkwista ż-żewġ shelters li hemm fl-istess żona.

viii Is-Sindku rrappurtat li sar kuntatt mal-Municipju ta' Ilioupoli dwar il-possibilta' li l-Kunsill jagħmel żjara f'Settembru li ġej. Is-Segretarja Eżekuttiv ħadet l-inkarigi li tagħmel l-arranġamenti għat-titjiriet jekk dawn jikkonfermaw id-dati ġew li deċiżi ( bejn l-4 u t- 8 ta' Settembru).

ix Il-Kunsill iddiskuta l-*performance bonus* tas-Segretarja Eżekuttiv u l-iskrivani u kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju tingħata 10% u l-iskrivanii jingħataw 4%.

x Ġie ppreżentat rapport dettaljat dwar is-servizz tal-ġbir ta' skart goff għas-sena 2007. Is-Sindku rrappurtat li hi kellha laqgħa mal-Kuntrattur u ntlaħaq ftehim dwar il- kont pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-invoices għas-sena 2008 għadhom qed jiġu vverifikati mad-dokumentazzjoni li għandu l-Kunsill biex isir il-pagament. Hija qalet ukoll li dawn għandhom jiġu ppreżentati kull xahar u l-Kuntrattur huwa obbligat li wara li jsir is-servizz iġib ir-*return* il-Kunsill. Il-kont ġie approvat.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (ikompli…….)**

xi Ġew ippreżentati l-offerti sottomessi għas-servizz ta' *Contract Manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-offerta tal-*Contract Manager* hija €2795.25 u tas-Sur C. Borg hija € 2900 fis-sena. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-offerta tas-Sur F. Portelli għandha żewġ formoli li jagħmlu parti mit-*tender* neqsin. Dawn huma "*non collusive form*" u l-"*personal details form*".

Is-Sindku qalet li meta tkellmet mas-Sur Portelli dan qallha li huwa assuma li peress diġa' għandu kuntratt ma l-istess Kunsill dawn id-dettalji ma kienx hemm bżonnhom. Il-Kunsillier F. Roe qal li l-formola tad-dettalji personali m'hemmx bżonnha peress li dawn qegħdin imnizzlin fejn hemm l-offerta. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu kien preżenti waqt il-ftuħ ta' l-offerti u ma jiftakarx li kien hemm it-dettalji mniżżla bil-*biro* fin-naħa t'isfel tal-formola tal-offerta u kkummenta wkoll li din l-kitba ma tidhirx li hi l-istess bħal bqija tad-dokument. Huwa qal wkoll li din il-pagna mhix dik li kien hemm ma l-offerta oriġinali għax m'hemmx il-firma tiegħu. Il-Kunsillier F. Roe qal li hu iffirma l-karti kollha dak il-ħin u bħalu suppost għamel l-istess il-Kunsillier għax kien hu li għaddilu d-dokumenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi lesta li tieħu affidavit dwar dan. Hija qalet li hi ffirmat il-paġni kollha u wara li saret l-iskeda dawn ġew *filed.*

Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu wara l-ftuħ tat-*tenders* talab li l-offerti għandhom jiġu issiġillati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li la dawn infethu dawn saru pubbliċi u għaldaqstant m'hemmx bżonn li jkunu issiġillati. Is-Sindku qalet li din hija akkuża serja u jekk hemm bżonn inwaqqgħu l-offerta. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li niktbu lid-Dipartiment dwar dan u nivverifikaw jekk il-Kunsill jistax jiġi mfittex jekk jaċċetta l-offerta tas-Sur Portelli. Huwa sostna li l-Kunsill irid ikun ċert li mhux qed iwettaq xi irregolarita. Kulħadd qabel ma dan. Il-Kunsillier E. Muscat qal li la l-Kunsill se jirkorri għad-dipartiment għal parir hu joqgħod fuq il-kelma tas-segretarju Eżekuttiv lid an kien id-dokument oriġinali.

xii Il-Kunsill approva li jinxtraw żewġ *mobile phones* u linji mingħand il-*GO* għall-użu tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv. Ġie approvat ukoll ix-xiri ta' żewġ *monitors* għal *Customer Care Unit*. Kif ukoll kwotazzjoni mingħand il-*Gala* għal installazjoni ta' *Air Conditioner* fil-*Computers Lab*.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II KOMMUNIKAZZJONI MIll-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier F. Roe rrefera għal klassijiet li se jiġu organizzati għat-tfal f’Lulju u Awissu. Huwa qal li minbarra klassi tal-*computers* u *crafts* għandhom isiru wkoll ħarġiet kulturali. Is-Sindku nfurmat li qed isiru arranġamenti mat- TCTC għal *computer* u diġa’ kellmet lit-*teacher* li kellna fis-snin li għadda għal klassi ta’ l-art. Hija ħadet ukoll l-inkarigu li tkellimha dwar dan is-servizz biex ikun aktar vjabbli.

ii Il-Kunsilliera A. Cachia Castelletti qal li fix-Xatt hemm bżonn li jsir tindif sew. Huwa rraporta li tħallew numru ta’ boroż bl-iskart tal-kennies mitluqa fit-triq għal diversi ġranet. Is Sindku qalet li dawn għandu jiġborhom il-Kuntrattur u hemm anke *skip* fejn il-kennies suppost ipoġġihom.

iii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li jingħata Gieħ Ta’ Xbiex lill-Ms Podesta li rebħet midalja tal-fidda fil-Logħob tal-Pajjizi ż-Żgħar.

iv Is-Sindku rreferiet għal program ta’ Jum Ta’ Xbiex. Dan ġie diskuss mill-Kunsill u ġie deċiż li l-quddiesa ssir proprju fil-ġurnata jiġifieri fit-12 ta’ Ġunju filgħaxija. L-*iscouts* jagħmlu marċ qabel l-attivita’ tal-Kappillan fit-28 ta’ Ġunju. Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa mas-Sur Sullivan, li se jagħlaq mitt sena, ssir nhar il-Ħamis 18 ta’ Gunju 2009 fis-7.00p.m.

v Is-Sindku tablet li jiġu mħejjija l-artikli għal ħarġa tal-magażine. Ġie deċiż li dawn għandhom jaslu għand is-Segretarju Ezekuttiv sas-19 Ġunju 2009.

## III Approvazzjoni ta’ Pagamenti

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta’ pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar aġġornament għal nhar it- Tlieta 7 ta’ Lulju 2009 fil-5.30pm.**

Antoinette Vassallo Marisa Pisani

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |